MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2006

Rikors Numru. 1/1989/3

**Konkors tal-Kredituri tas-Socjeta Limwood Limited**

Il-Qorti

Rat ir-rikors, presentat fit-28 ta' April 1989, tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali fejn gie premess :-

Illi fir-Registru ta' din il-Qorti fl-Atti tac-Cedoli ta' Depozitu Numru 735/86 u 782/86, it-tnejn fil-ismijiet Marixxal Joseph Fava vs Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Guido Mizzi u Cecil Diamantino bhala diretturi ghan-nom u in rapresentanza tas-Socjeta A.M Services Limited u din bhala stralcjarju tas-socjeta Limwood Limited tinsab depozitata s-somma totali ta' tlettax-il elf, hames mija u hamsa u disghin lira maltija (Lm13,595);

Illi b'rikors tat-18 ta' Dicembru 1986 l-esponent talab l-izbank ta' din is-somma wara illi f'dan ir-rikors – li sar konguntiv mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni - huwa ppremetta li kemm hu kif ukoll il- Kummissarju tat-Taxxi Nterni huma kredituri privileggjati u li huwa wahdu ghandu jiehu erbgha u tletin elf, tmien mija u tmienja u hamsin lira maltija u disghin centezmu (Lm34,858.90) oltre spejjez gudizzjarji;

Illi fuq l-imsemmi depozitu kkonkorrew kredituri ohra u ghalhekk il-Qorti baqghet ma ordnatx l-izbank mitlub;

Ghalhekk ir-rikorrenti talab li din il-Qorti, tenur ta' l-Artikolu 416 tal-Kodici ta' l-Organizzazjoni u Procedura Civili, tordna l-ftuh ta' konkors tal-kreditur fuq l-imsemmi depozitu u l-pubblikazzjoni relattiva kif kontemplata fl-istess Artikolu;

Rat il-libell, presentat fis-7 ta' Awissu 1989, tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali u tal-Kummissjarju tat-Taxxi Nterni fejn ippremettew :

Illi fir-Registru ta' din il-Qorti fl-Atti tac-Cedoli ta' Depozitu Numru 735/86 u 782/86, it-tnejn fil-ismijiet Marixxal Joseph Fava vs Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Guido Mizzi u Cecil Diamantino bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta A.M Services Limited u din bhala stralcjarju tas-socjeta Limwood Limited tinsab depozitata s-somma totali ta' tlettax-il elf, hames mija u hamsa u disghin lira maltija (Lm13,595);

Illi fuq rikors tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali dina l-Qorti ordnat il-ftuh ta' konkors fuq dan id-despozitu b'digriet tat-2 ta' Mejju 1989 u hatret il-jum tad-19 t'Ottubru 1989 ghad-dehra ta' l-interessat u s-smiegh tal-kawza;

Illi l-esponenti huma kredituri privileggjati skond il-ligi tas-Socjeta Limwood Limited u d-Direttur tas-Sigurta Socjali huwa kreditur ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf, mija u

tlieta u erbghin lira maltija u sebghin centezmu (Lm26,143.70), oltre spejjez gudizzjari;

Illi s-somma depozitata tkopri parti biss mit-talba tad-Direttur tas-Sigurta Socjali;

Ghalhekk ir-rikorrenti Direttur tas-Sigurta Socjali talab li l-kreditu tieghu jigi pregradwat fuq il-krediti l-ohra u li konsegwentement jigi awtorizzat jizbanka s-somma li ghandu jiehu mic-cedoli ta' depozitu 735/86 u 782/86 li fuqhom hemm il-konkors u b'hekk tigi amministrata gustizzja skond il-ligi;

Rat il-libell presentat fit-18 ta' Awissu 1989, tal-Avukat Reno Borg ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited u b'nota tal-15 ta' Dicembru 1993 Rudolph Xuereb assuma l-atti ta' dan il-rikors ghan-nom u in rappresentanza tal-Bank of Valletta Limited minflok l-Avukat Reno Borg fejn gie premess :-

Illi fir-Registru ta' din il-Qorti fl-Atti tac-Cedoli ta' Depozitu Numru 735/86 u 782/86, it-tnejn fil-ismijiet Marixxal Joseph Fava vs Kummissarju tat-Taxxi Nterni vs Guido Mizzi u Cecil Diamantino bhala diretturi ghan-nom u in rapresentanza tas-Socjeta A.M Services Limited u din bhala stralcjarju tas-socjeta Limwood Limited tinsab depozitata s-somma totali ta' tlettax-il elf, hames mija u hamsa u disghin lira maltija (Lm13,595);

Illi fuq rikors tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali dina l-Qorti ordnat il-ftuh ta' konkors fuq dan id-despozitu b'digriet tat-2 ta' Mejju 1989 u appuntat il-jum tad-19 t'Ottubru 1989 ghad-dehra ta' l-interessat u s-smiegh tal-kawza;

Illi l-esponent nomine kuwa kreditur privileggjat skond il-ligi , tas-socjeta Limwood Limited, fis-somma ta' mija u hamset elef seba' mija u disa' liri maltin (Lm105,709) oltre spejjez gudizjarji;

Illi s-somma depozitata tkopri parti biss mit-talba tal-Bank of Valletta Limited ;

Ghalhekk ir-rikorrenti nomine talab li l-kreditu tieghu jigi pregradwat fuq il-krediti l-ohra u li konsegwentement jigi awtorizzat jizbanka s-somma li ghandu jiehu mic-cedoli ta' depozitu 735/86 u 782/86 li fuqhom hemm il-konkors u b'hekk tigi amminstrata gustizzja skond il-ligi;

Rat il-libell tat-18 ta' Awissu 1989 ta' John Bugeja nomine fejn gie premess :-

Illi r-rikorrenti nomine jinsab il-kreditur tas-socjeta Limwood Limited fis-somma ta' tmien mija tlieta u disghin liri maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm893.92) rappresentanti l-prezz ta' injam mibjugh u kkossenjat lill-imsemmija socjeta liema kreditu gie kkanonizzat b'sentenza tat-onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-isemijiet John Bugeja nomine vs Edgar Causon u dan oltre l-ispejjes tal-imsemmija kawza u l-imghaxijiet kummercjali relattivi;

Illi nonostane d-diversi interpellanzi ghall-hlas l-imsemmija socjeta debitrici ma hallset l-ebda porzjani tad-debitu fuq imsemmi;

Illi b'digriet tal-2 ta' Mejju 1989 din il-Qorti ordnat il-ftuh tal-konkors tal-kredituri tal-imsemmija socjeta Limwood Limited u ffissat il-gurnata tad-19 ta' Gunju 1989 ghat trattazzjoni tal-kawza, liema kawza tinsab differita ghad-19 ta' Ottubru 1989;

Illi in forza tal-istess digriet, din l-istess Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-avviz (Dok A) illi bih gie maghruf illi fir-Registru u taht l-Awtorita tal-Prim Awla tal-Qorti Civili hemm depozitata s-somma totali ta' tlettax il-elf, hames mija u hamsa u disghin lira (Lm13,595) permezz tac-cedoli numri 735/86 u 782/86 it-tnejn fl-ismijiet 'Marixall Joseph Fava u Kummisarju tat-Taxxi Interni vs Guido Mizzi u Cecil Diamantino' bhala diretturi u ghan nom u in rapprezentanza tas-socjeta A M Services Limited u din bhala stralcjarju tas-socjeta Limwood Limited;

Ghalhekk ir-rikorrenti nomine, filwaqt illi pproducja l-malliverija u filwaqt li ghamel riferenza ghall-noti prodotti u filwaqt li rriserva illi jressaq kull prova ohra li tkun ammessibbli, talab li dina l-Qorti tippregradwa, a preferenza ta' konkorrenti ohra il-kreditu tal-esponenti ta' Lm893.92 oltre l-ispejjes gudizzjari u imghaxijiet dekors u konsegwentement tawtorizza il l-esponent jizbanka dik is-somma li tigi hekk pregradwata;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tad-19 ta' Ottubru 1989 li bih gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dottor Philip Bianchi bil-fakultajiet soliti;

Rat in-nota tal-kreditur Bank of Valletta Limited tal-15 ta' Novembru 1993 li biha l-istess bank kreditur ceda l-atti ta' dan il-konkors stante l-hlas tad-debitu kollu;

Rat id-diogriet ta dina l-Qorti tat-22 ta' Ottubru 2001 li bih gie sostitwit il-Perit Legali gia nominat u gie nominat minflok l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bl-istess fakoltajiet;

Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni tal-25 ta' Marzu 2002 li biha l-ammont li qed jitlob l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni gie ridott ghas-somma ta' elf hames mija u tmienja u hamsin lira (Lm2558.00);

Rat ir-relazzjoni tal-abbli perit legali presentata u debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-3 ta' Ottubru 2003;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Dan il-konkors ta’ kredituri nbeda permezz tal-imsemmi rikors tad-Direttur tas-Sigurta Socjali u jirrigwarda s-somma depositata permezz ta’ zewg cedoli u liema somma tammonta ghal tlettax-il elf hames mija u hamsa u disghin lira maltija (Lm13,595). Saru s-segwenti libelli u cioe libell tad-Direttur tas-Sigurta Socjali u tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni presentat fis-7 ta’ awissu 1989, libell tal-Avukat Reno Borg ghan-nom u in rappresentanza tal-Bank of Valletta plc presentat fit-18 ta’ Awissu 1989 u libell ta’ John Bugeja ghan-nom u in rappresentanza ta’ Bugeja Brothers Limted fit-18 ta’ Awissu 1989. Fil-mori tal-kawza il-Bank of Valletta Plc ceda l-libell stante il-hlas tad-debitu kollu;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa kollha r-relazzjoni tal-abbli perit legali u peress li taqbel mal-kostatazzjonijiet kollha li ghamel l-istess perit legali u mal-konkluzjonijiet tieghu dawn l-istess qed jigu adottati minn din il-Qorti;

Ghalhekk jirrizulta li l-ammont pretiz mid-Direttur tas-Sigurta Socjali jammonta ghal sitta u ghoxrin elf mija u tlieta u erbghin liri maltin u sebghin centezmu (Lm26,143.70) oltre spejjez giudizzjarji u imghaxxijiet relattivi. Jirrizulta ukoll li ghar-ragunijiet indikati fir-relazzjoni l-pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ma ghanhomx jigu ammessi f’dawn il-proceduri. Inoltre jirrizulta li l-kreditu tas-socjeta Bugeja Brothers Limited ammontanti ghas-somma ta’ tmien mija tlieta u disghin lira maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm893.92) ghandu jigi ammess biex jikkonkorri;

Ghal finijiet tal-gradwazzjoni tal-krediti, ghalhekk, ghandhom jigu konsidrati biss dawk tad-Direttur tas-Sigurta Socjali u tas-socjeta Bugeja Brothers Limited. In vista tal-provedimenti tal-artiklu 116(2) tat-Att Dwar is-Sigurta Socjali (Kap.318) l-ammont pretiz mid-Direttur tas-

Sigurta Socjali ghandu ikun privileggjat. Il-kreditu ta' Bugeja Brothers Limited ma jidhirx li jista' jitqies bhala kreditu munit bil-privilegg kontemplat fl-arikolu 2009(d) tal-Kodici Civili. Il-gradwazzjoni finali ghalhekk ghanda tkun fl-ewwel grad il-kreidtu pretiz mid-Direttur tas-Sigurta Socjali u fit-tieni grad dak pretiz minn Bugeja Brothers Limited;

Invista tal-premess l-ammont depositat bis-sahha tac-cedoli ta' depositu numru 735/86 u 782/86 fis-somma komplessiva ta' tlettax il-elf hames mija u hamsa u disghin lira maltija (Lm13,595) ghandhom jigu liberament sbankati mid-Direttur tas-Sigurata Socjali li llum hu mgharuf bhala id-Direttur tas-Servizzi Socjali;

Il-Qorti taqbel ukoll mal-konkluzjonijiet tal-abbli perit legali dwar l-ispejjez u cioe a bazi tal-artikolu 2003 tal-Kodici Civili l-lista ta' krediti huma subordinati ghall-ispejjez giudizzjari dovuti lir-Registratur tal-Qorti;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tipprovdi billi tordna li l-ammont depositat bis-sahha tac-cedoli ta' depositu numru 735/86 u 782/86 fis-somma komplessiva ta' tlettax il-elf hames mija u hamsa u disghin lira maltija (Lm13,595) jigu liberament sbankati mid-Direttur tas-Sigurata Socjali illum id-Direttur tas-Servizzi Socjali salv l-ispejjez giudizzjari kollha dovuti lir-Registratur tal-Qorti li ghandhom jithallsu qabel;

Spejjez kollha kontra s-socjeta debitrici Limwood Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------